**DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI**
***DEPARTMENT OF INFORMATION***
**MALTA**

# Press Release

**PR 162370** **26.10.2016**

## STQARRIJA MAĦRUĠA MILL-UFFIĊJU TAL-ISPEAKER

***L-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati ffirma l-ktieb tal-kondoljanzi fl-Ambaxxata tal-Istat tal-Qatar***

L-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati Anġlu Farrugia dalgħodu ffirma l-ktieb tal-kondoljanzi fl-Ambaxxata tal-Istat tal-Qatar, li nfetaħ b'rabta mal-mewt tal-ex-Emir Sheikh Khalifa Bin Hamad Al Thani, li miet nhar it-23 ta' Ottubru 2016.

Fil-messaġġ tiegħu, l-Ispeaker wera s-sogħba tiegħu għat-telfa ta' Sheikh Khalifa Bin Hamad Al Thani, li ħadem bla heda għall-ġid ta' pajjiżu. L-Ispeaker esprima l-kondoljanzi tiegħu u tal-Kamra tad-Deputati lill-qraba ta' Sheikh Khalifa Bin Hamad Al Thani.

**Attachments: ritratti** 

**3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775**

**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**